# Is-Sejba ta' Qabar Antik f'Ħal Resqun

Diffiċli biex wieħed jifhem għaliex tant insibu disinji minquxin fuq l-oqbra mħaffra fil-blat (speċi ta' għerien) ta' l-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu f'Malta, meta bilkemm jafu bihom fi Sqallija, l-aktar gżira viċin tagħna, jew f'Kartaġni, Sousse fl-Afrika ta' fuq.

Il-qabar ta' din l-istampa huwa probabbli wieħed mill-ewwel oqbra. Kien iddisinjat minn artist li, għalkemm primittiv, madankollu, juri li kellu tagħrif bibliku mhux mistenni minn bniedem li jgħix f'raħal ċkejken 'il bogħod mill-ibliet u, kif inhu mifhum, nieqes mill-iċken nitfa kultura.

Dan il-qabar imħaffer fil-blat instab b'kumbinazzjoni fl-1887 f'Ħal Resqun, matul it-trejqa li tagħti għall-Kappella magħrufa bħala "San Pawl ta' Bir Miftuħ" li qiegħda bejn l-irħula tal-Gudja u Ħal Far.

Dan il-qabar ġie mnaddaf u studjat fl-1912 u s-sejba tiegħu ġiet imniżżla fir-Rapport Annwali tal-Kuratur tal-Mużew ta' l-1913.

Għal dak iż-żmien, kien biżżejjed li jingħata tagħrif fuq il-fatturi mportanti tiegħu u ttieħdu l-passi neċessarji biex jiġi ppreservat.

F'Jannar ta' l-1934 xi ħadd induna li dan il-qabar kien ġie midfun fil-ġebel u t-trab. Għalhekk ġie deċiż li jerġa' jitnaddaf u fid-daħla tiegħu ġie mwaħħal bieb biex ma terġax issirlu ħsara minn xi att vandalu. Sadanittant sar studju aktar dettaljat ta' dan il-monument kristjan interessanti.

Biex tinżel fil-qiegħ ta' dan l-għar hemm tmien tarġiet dojoq ukoll maqtugħin fil-blat. Quddiem dawn it-tarġiet hemm arkata li tagħti għall-kamra tad-dfin fejn kienu jitqiegħdu żewġ iġsma fuq speċi ta' xkaffa tal-ġebel, b'rashom tistrieħ ġo ħofra maqtugħa apposta. Din l-arkata kienet tiġi ssiġillata b'ġebla kbira ċatta vertikali. Fuq barra, ħdejn din l-arkata kienu jitqiegħdu żewġ kolonni sbieħ.



*Gudja - Ħal Resqun: Graffitto of the Creation or Heavenly Paradise.*